MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1273/2011

**Josanne Schiavone**

**Vs**

**Reverendu Soru Claudia Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' St. Francis School; Reverendu Soru Josephine Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ordni Frangiskana tas-Sorijiet; Reverendu Patri Dominic Scerri fil-vesti tieghu ta' delegat tal-Eccellenza Tieghu l-Arcisqof ghas-Segretarjat ghall-Edukazzjoni Kattolika; u Dottor Michelle Tabone bhala l-Ekonomu tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha.**

Permezz ta’ eccezzjoni ulterjuri prezentata fit-3 ta’ Mejju 2013 il-konvenuti ddikjaraw li l-attrici ma ghandhiex l-interess guridiku sabiex tkompli l-kawza u l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Din is-sentenza tindirizza l-eccezzjoni ulterjuri.

Il-kawza titratta dwar il-kariga ta’ Assistant Kap fl-iskola San Frangisk fejn l-attrici kienet impjegata bhala ghalliema. Fir-rikors guramentat ippremettiet li:-

1. Fis-27 ta’ Mejju 2010 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-Assistant Kap tal-iskola.
2. L-attrici applikat u attendiet ghall-interview quddiem Bord tal-Ghazla.
3. Skond ir-rizultat l-attrici kienet tqieghdet fit-tieni post fuq il-lista ta’ kandidati eligibbli. Peress li f’dak iz-zmien kien hemm biss kariga wahda, il-kariga ma nghatatx lilha.
4. Sussegwentement fl-iskola kien hemm il-htiega ta’ Assistent Kap ohra, wara li Malta Union of Teachers attirat l-attenzjoni tal-Kap tal-iskola li skond il-ftehim kollettiv u addenda ffirmata fis-7 ta’ Lulju 2009 in-numru ta’ Kapi Assistenti kien inferjuri ghan-numru ta’ studenti li kien hemm fl-iskola.
5. Il-kariga l-gdida nghatat lil Soru Dorotea Mizzi. Madankollu din l-ufficjal xorta baqghet taqdi dmirijiet taghha bhala ghalliema u kien biss fil-11 ta’ Jannar 2011 li giet sostitwita fid-dmirijiet taghha ta’ ghalliema.
6. Il-konvenuti naqsu milli josservaw l-ordni ta’ meritu mfassal mill-Bord tal-Ghazla, u a bazi ta’ liema l-attrici kellha tinghata l-kariga ta’ Assistant Kap.

L-attrici talbet lill-qorti:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-attrici giet imqieghda fit-tieni post tal-ordni ta’ meritu stabbilit mill-Bord tal-Ghazla li ddecieda dwar is-sejgha ghal applikazzjoni tas-27 ta’ Mejju 2010;
2. Il-konvenuti jew min minnhom kienu obbligati li fil-mili tat-tielet posizzjoni ta’ Assistant Kap tal-iskola St. Francis jaderixxu ruhhom mal-ordni ta’ meritu stabbilit

mill-Bord tal-Ghazla li ddecieda dwar is-sejha ghal applikazzjoni tas-27 ta' Mejju 2010 u in linja ma' dak kontemplat fil-Ftehim Kollettiv;
3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-hatra ta' Soru Dorotea Mizzi hi abbuziva u leziva fil-konfront tad-drittijiet tal-attrici.

Il-konvenuti wiegbu (fol. 40) li:-

1. Il-konvenut Scerri m'huwiex legittimu kontradittur peress li fid-data li gie pprezentat ir-rikors ma kienx id-delegat tal-Eccellenza Tieghu Monsinjur Arcisqof, ghas-Segretarjat ghall-Edukazzjoni Kattolika u f'kull kaz l-istess Delegat m'huwiex legittimu kontradittur.
2. Il-konvenuta Tabone m'ghandhiex il-kariga ta' Ekonomu tal-Kurja Arciveskovili u m'hijiex il-legittima kontradittrici, la bhala ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof u l-Kurja lanqas mhi l-legittima kontradittrici.
3. M'huwiex minnu li l-konvenuti kellhom obbligu li jsegwu xi ordni ta' meritu stabbilit mill-Bord ta' l-Ghazla li ddecieda dwar is-sejha tas-27 ta' April 2010.
4. L-ewwel talba hi null ghaliex l-ezercizzju tal-Bord tal-Ghazla kien jirrigwarda biss l-ghazla tal-persuna li tigi fl-ewwel post u l-kandidati l-ohra gew eliminati gialadarba l-ghazla kienet ghall-Assitant Head wahda ghall-skola primarja.
5. It-tieni talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt peress li meta nhatret Suor Dorothea Mizzi, dan sar skond il-ftehim kollettiv bejn il-Malta Union of Teachers u l-awtoritajiet tal-Knisja, u dan skond l-Artikolu 4.1 tal-istess ftehim.
6. It-tielet talba ghandha tigi michuda ghaliex il-konvenuti ghamlu l-ghazla taghhom skond id-drittijiet li ghandhom u l-ghazla m'hijiex abbuziva u lanqas leziva.

Il-qorti rat l-atti.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. L-attrici kienet ghalliema fl-iskola primarja St. Francis.

2. Fis-27 ta’ Mejju 2010 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta’ Assistant Kap fl-iskola St. Francis, Bormla, li kienu jaghlqu fl-10 ta’ Gunju 2010 (fol. 74).
3. Fid-9 ta’ Gunju 2010 l-attrici applikat.
4. Fil-15 ta’ Gunju 2010 l-attrici kellha l-interview quddiem Bord tal-Ghazla li kien kompost minn Fr Dominic Scerri u Fr David Cilia.
5. B’ittra datata 16 ta’ Gunju 2010 l-attrici giet infurmata mill-kap tal-iskola li ma kenitx intghazlet ghall-kariga (fol. 34).
6. Sussegwentement kien hemm bzonn li tinhatar persuna ohra bhala Assistent Kap. Ma saret l-ebda sejha ghall-applikazzjoni u l-Kap tal-Iskola (il-konvenuta Claudia Zammit) hatret lil Suor Dorothea Mizzi. Il-konvenuti jsostnu li dan seta’ jsir b’applikazzjoni ta’ klawzola 4.1 tal-Ftehim Kollettiv li tipprovdi: *“In the filling of vacancies in the grade of Assistant Head of School the Union recognises the right of the Church Authorities to appoint members of the Religious Order/Congregation or, in the case of seminaries, members of the Diocesan Clergy.”*[1]. Qalu wkoll li l-hatra ta’ Assistant Kap tal-Kindergarden fl-iskola St. Francis ma kellha x’taqsam xejn mal-applikazzjoni li harget fis-27 ta’ Mejju 2010 ghal Assistant Kap tal-Iskola (Primarja).
7. L-attrici tippretendi li ladarba kienet inqalghet vacancy ohra ta’ Assistent Kap fl-iskola St. Francis, il-kariga kellha tinghata lilha peress li giet it-tieni fir-rigward tas-sejha ghall-applikazzjonijiet tas-27 ta’ Mejju 2010.

Fir-realta’ l-attakk tal-attrici huwa fil-konfront tal-Kap tal-iskola St. Francis (Suor Claudia Zammit) li tat il-kariga ta’ Assistant Kap lil soru ohra minghajr ma qieset ir-rizultat tal-Bord tal-Ghazla ghall-kariga ta’ Assistant Kap tal-iskola primarja. S’issa mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuti l-ohra hadu xi decizjoni li setghet kellha impatt negattiv fuq l-attrici.

---

[1] Fol. 10.

Meta l-attrici kienet qeghda tixhed waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 qalet:

*"Mistoqsija mill-Qorti allura jien x'qeghda nippretendi illi jien nerga' mmur lura l-iskola St. Francis bhala assistant head, nghid le, jien m'inhiex nippretendi hekk. Anzi jien illum isettiljajt fil-post illi ghandi gewwa s-segretarjat u hemm irrid nahdem.* ***Pero jien irrid illi ssir il-gustizzja. Fis-sens illi ma rridx illi jkun hemm xi ghalliema ohra illi tghaddi minn dak illi ghaddejt minnu jien.****"* (enfazi tal-qorti, fol. 104-105).

Kienet wara din id-deposizzjoni li l-konvenuti talbu l-awtorizazzjoni sabiex iressqu l-eccezzjoni ulterjuri li dwarha titratta din is-sentenza.

Meta regghet xehedet fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 qalet li *"Sal-lum ghadni qed nokkupa l-kariga Head of Department Primary fil-qasam tal-Literacy gol-Kurja"* u li *"… kemm issa ilna nahdem mal-Kurja il-grade tieghi giet ekwivalenti ghal dik ta' Assistant Head fl-iskola."*. Ziedet li hi kuntenta fix-xoghol taghha u *"…. Hemmhekk nixtieq nibqa' nahdem"*.

Minn dak li qalet l-attrici l-qorti fehemet li trid dikjarazzjoni li d-decizjoni tal-Kap tal-Iskola li timpjega lil Suor Dorothea Mizzi kienet wahda irregolari u li l-kariga kellha tinghata lilha. Ghalija jekk tinghata tali dikjarazzjoni tkun saret gustizzja maghha[2]. Fil-fatt it-talbiet tal-attrici huma dikjaratorji.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Gordon Mizzi et vs Dr John C. Grech et** deciza fid-29 ta' April 2008 spjegat li: *"….. domanda diretta ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hija ammessa fil-gurisprudenza taghna, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda in kwistjoni ma tkunx biss*

---

[2] Fatt li gie ripetut fit-twegiba li pprezentat fil-25 ta' April 2013 (fol. 134): *"…. Gustizzja tista' ssir bil-procediment ta' din il-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti u effettivament jigi deciz jekk fil-verita' gietx segwita l-procedura tal-ghazla ta' assistant kap tal-iskola skond il-ligi u minghajr abbuz."* (enfazi tal-qorti). Tant hu hekk li f'dak l-istess att gudizzjarju il-konvenuta ghamlet riferenza ghall-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad li l-interess m'hemmx ghalfejn jissarraf fi flus jew valur ekonomiku.

*domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tigi segwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli. Konsegwenza logika ta' dan hija li meta attur jipprezenta kawza li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa necessarju li huwa jizvela lill-Qorti liema huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri ghalihom, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza dikjaratorja ikun favorevoli ghalih, u dan sabiex jissodisfa lill-Qorti li d-dikjarazzjoni li hu qieghed jitlob mhix wahda merament akkademika."* .

F'dan il-kaz, minn kif tkellmet l-attrici m'hijiex tfittex ghal xi haga ohra wara li tinqata' din il-kawza. Hu evidenti li l-attrici trid 'certifikat' minn awtorita gudizzjarja li l-kariga ta' Assistant Kap fl-iskola ta' St. Francis messha nghatat lilha. Il-kawzi ma jistghux isiru sabiex wiehed jinghata ragun u daqshekk. Fil-fehma tal-qorti r-riferenza li ghamlet l-attrici ghas-sentenza **Bugeja Viani vs Avukat Generali** tal-20 ta' Frar 2009 tal-Qorti Kostituzzjonali, m'hijiex flokha ghaliex din il-kawza ma titrattax dwar ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Hekk ukoll is-sentenza l-ohra li ccitat fl-ismijiet **Charles Axiak vs Onor. Fortunato Mizzi** tad-19 ta' Frar 1952[3] kienet titratta fatti li huma totalment differenti. F'dik il-kawza l-attur kien qieghed jitlob lill-qorti biex tiddikjara li t-tgawdija ta' legat kienet limitata biss ghall-maskili. Il-qorti osservat: *"Taht dan l-aspett l-azzjoni ta' l-attur, in kwantu ntiza biex teskludi n-nisa, u b'hekk tillimita n-numru ta' konkorrenti, hija ghall-attur indubbjament ta' vantagg. Veru li l-attur jista' ma jigix maghzul; izda, jekk tittrijonfa l-interpretazzjoni moghtija minnu, il-possibiltajiet ta' xelta ghalih jikbru indubbjament. U dan hu bizzejjed biex ikollu interess jaghmel dina l-kawza."*. Fil-kaz tal-lum mill-mod kif spjegat ruhha l-unika haga li tista' tiggwadanja hu sodisfazzjon personali li kellha ragun, cjoe' li l-kariga messha nghatat lilha ghaliex ghall-kariga l-gdida ta' Assitent Kap kien ghadu japplika r-rizultat tal-Bord tal-Ghazla. 'Il fatt li persuna trid tottjeni ghas-sodisfazzjon personali taghha semplici dikjarazzjoni li l-kariga ta' Assistant Kap messha nghatat lilha, m'hijiex bizzejjed biex

[3] Prim'Awla (Vol. XXXIV.ii.532).

jinghad li ghandha interess guridiku. Interess li fil-fehma tal-qorti kien diga' ma jezistix fid-data tal-prezentata tal-kawza (21 ta' Dicembru 2011) meqjus li l-attrici xehedet li f'Settembru 2011 bdiet tahdem mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez a karigu tal-attrici**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------